MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 26/2013

**Michelina Bugeja**

**-vs-**

**Dr Jean Paul Grech bhala kuratur mahtur mill-Qorti b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2011 sabiex jirrapprezenta l-interessi ta' Dolores Apap, Charles Vella, Margaret Said, Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski ahwa Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentatipprezentata minn Michelina Bugeja fejn ippremettiet:

1. Illi hija kienet il-prokuratrici tal-konvenuti Dolores Apap, Charles Vella, Rose Enea, Frank Vella, Joseph Vella, Anthony Vella u Margaret Cybulski f'zewg kawzi li gew intavolati fil-konfront tal-konvenuti u cioe' fil-kawza numru 65/2007 fl-ismijiet "Michelina Bugeja noe vs

Joseph Vella” u fil-kawza numru 61/2008 “Emanuel Gauci noe vs Carmela Debrincat et” u dana permezz ta’ prokuri li gew annessi fl-atti ta’ dawn iz-zewg kawzi.

2. Illi l-ewwel kawza bin-numru 65/2007 giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fit-2 ta’ Ottubru 2008 u sussegwentement ir-rikorrenti fuq inkarigu tal-konvenuti li huma z-zijiet taghha kienet intavolat appell minn din is-sentenza.

3. Illi l-konvenuti baqghu qatt ma hallsu l-kawtela ghall-appell li gie ntavolat u ghalhekk l-appell gie dezert fit-18 ta’ Ottubru 2010 bl-ispejjez kontra l-esponenti bhala prokuratrici tal-kovenuti.

4. Illi in oltre fil-kawza 61/2008 ir-rikorrenti kienet ipprezentat u halset bhala prokuratrici tal-konvenuti risposta guramentata. Sussegwentement fil-mori tal-kawza hija rrinunzjat ghar-rapprezentanza tal-konvenuti peress illi dawn irrifjutaw li jhalsu l-ispejjez relattivi ghal dawn il-kawzi msemmija.

5. Illi l-konvenuti ma jridux ihalsu l-ispejjez dovuti minnnhom wara s-sentenza moghtija fil-kawza 65/2007 “Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella” liema spejjez u drittijiet dovuti minnhom jammontaw ghal €131,057.58 u ghalhekk ir-Registri tal-Qrati ta’ Malta u Ghawdex u l-avukati tal-partijiet f’din il-kawza qeghdin jipprocedu legalment inkluz permezz ta’ Mandati fil-konfront tar-rikorrenti sabiex thallas hi dawn l-ispejjez u kif ukoll dan l-ahhar permezz ta’ subbasta fuq id-dar residenzjali taghha li ggib in-numru 11/2013PC (taxxi ufficcjali annessi bhala dokumenti A u B).

6. Illi in oltre hemm ukoll l-ammont ta’ €407.64 illi r-rikorrenti halset ghan-nom tal-konvenuti ghall-prezentata tar-risposta guramentata fil-kawza 61/2008 “Emauel Gauci noe vs Carmela Debrincat et” u dan skont kif jidher mit-taxxa ufficcjali hawn annessa u markata bhala Dokument C.

7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed ikollha thallas eluf kbar ta’ flus lill-Qrati u lill-avukati tal-partijiet ghall-kawzi li fihom hija ma kellha l-ebda interess personali u kienet biss il-prokuratrici tal-konventui u dana peress illi r-Registri tal-Qrati u l-avukati setghu jipprocedu kontra r-rikorrenti direttament bhala prokuratrici tal-konvenuti skont l-Artikolu 1005(1) tal-Kap 12.

8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti sabet ruhha f’sitwazzjoni fejn ghandha hwejjigha, flusha u l-beni taghha kollha maqbudin sabiex jithalsu dawn id-djun kbar li ghandhom il-konvenuti issa sahansitra tinsab f’posizzjoni imminenti li d-dar residenzjali taghha tinbiegh bis-subbasta sabiex jithalsu d-djun tal-konvenuti.

9. Illi r-rikorrenti ghandha kull dritt li tigi risarcita u kkumpensata ta’ l-ispejjez u drittijiet kollha li hija halest ghan-nom tal-konvenuti.

10. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficcjali numru 671/2012 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument D huma baqghu nadempjenti u ghalhekk l-attrici kellha tipprocedi b’din il-kawza.

11. Illi peress illi t-talbiet odjerni jikkoncernaw talba ghall-hlas ta’ dejn cert, likwidu u li ghalaq, illi ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta’ fatt u cioe’ jinkwadraw ruhhom fil-provvediment 167(1) (a) tal-Kap 12, l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu u titlob li l-kawza odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi sa fejn taf hija l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba odjerna.

12. Illi din il-kawza qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Michelna Bugeja li ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

L-attrici talbet lil din il-qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167(1) (a) et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront ta' l-attrici fis-somma ta' €131,465.22 dovuta bhala spejjez u drittijiet imhalsa mill-attrici ghan-nom tal-konvenuti fir-rigward tal-kawzi 65/2007 "Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella et" u 61/2008 "Emanuel Gauci noe vs Carmela Debrincat et".

3. Tordna lill-konvenuti sabiex ihalsu din is-somma €131,465.22 lill-attrici bl-interessi legali fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma mharkin ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tallum.
Rat li fis-seduta tallum il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti sabiex iressqu risposta guramentata stante li *prima facie* ma ppruvawx li ghandhom eccezzjonijiet validi skont il-ligi x'jaghtu.
Rat il-verbal tas-seduta tallum.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Ikkunsidrat:
Illi fis-seduta tallum Dr Jean Paul Grech nomine iddikjara illi l-konvenuta Margaret Said ma kinitx parti mill-kawza Rikors Guramentat Numru 65/2007 fl-ismijiet 'Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella' u per konsegwenza hija ma tistax titqies responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont pretiz mir-rikorrenti salv ghall-ammont ta' €407.64 relattivi ghall-kawza ta' divizjoni Rikors Guramentat Numru 61/2008. Dr Kevin Mompalao ghall-attrici qabel ma tali osservazzjoni.
Oltre' dan fis-seduta tallum, l-attrici rriduciet l-ammont pretiz permezz ta' nota ta' riduzzjoni li permezz taghhom l-ammont pretiz gie mnaqqas ghal €116,362.23 b'dan li ghandhom jibqghu salvi u mpregudikati kwalsiasi drittijiet spettanti lil Dr Angele Formosa fil-kawza numru 61/2008 fl-ismijiet 'Emanuel Gauci noe vs Carmela Debrincat et'.

Tqis li l-attrici permezz tat-taxxi ezebiti ppruvat li l-ammont kif ridott huwa dovut.
In vista li l-ammont li huwa dovut minn Margaret Said huwa wiehed negligibbli ghall-ammont pretiz din il-konvenuta m'ghandhiex tbati xi spejjez in konnessjoni ma' din il-kawza.
Ghal dawn il-motivi din il-qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici bil-mod kif gej u ghalhekk:

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti Dolores Apap, Charles Vella, Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski ahwa Vella huma debituri fil-konfront tal-attrici fis-somma ta' mija u sittax-il elf tliet mija u tnejn u sittin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€116,362.23) dovuta bhala spejjez u drittijiet imhalsa mill-attrici ghan-nom ta' dawn il-konvenuti fir-rigward tal-kawzi 65/2007 "Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella et" u 61/2008 "Emanuel Gauci noe vs Carmela Debrincat et"
(2) Tordna lil Dolores Apap, Charles Vella, Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski ahwa Vella sabiex ihallsu s-somma ta' mija u sittax-il elf tliet mija u tnejn u sittin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€116,362.23) lill-attrici bl-interessi legali mid-data tallum sal-pagament effettiv.
(3) Tiddikjara li l-konvenuta l-ohra Margaret Said hija debitrici fil-konfront ta' l-attrici fis-somma ta' erba mija u seba' euro u erbgha u sittin centezmu (€407.64)[1] liema ammont huwa relattiv ghall-kawza ta' divizjoni Rikors Guramentat Numru 61/2008.
(4) Tordna lill-konvenuta Margaret Said sabiex thallas is-somma ta' erba mija u seba' euro u erbgha u sittin centezmu (€407.64) lill-attrici bl-interessi legali mid-data tallum sal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez kollha jkunu a karigu ta' Dolores Apap, Charles Vella, Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski ahwa Vella.

**< Sentenza Finali >**

[1] Liema ammont huwa kompriz ukoll fis-somma ta' €116,362.23

---------------------------------TMIEM---------------------------------